



**KUNSILL TA'
L-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 3 ta' Ottubru 2007 (03.10)
(OR. en)**

13057/07

**TRANS 277
MAR 72
ECOFIN 373**

NOTA TA' TIFSIR

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmit mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	28 ta' Settembru 2007
lil:	Sur Javier SOLANA, Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2007) 4396 tas- 27 ta' Settembru 2007 li temenda d-Deċiżjoni Nru C (2005) 2754 dwar il-ħatra ta' żewġ koordinaturi Ewropej għal ċerti proġetti tan-netwerk trans-Ewropew għat-trasport

Id-Delegazzjonijiet isibu mehmuż dokument tal-Kummissjoni C(2007) 4396 finali.

Mehmuż: C(2007) 4396 finali



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 27.9.2007
K(2007) 4396 finali

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

C (2007) 4396 tas- 27 ta' Settembru 2007

li temenda d-Deċiżjoni Nru C (2005) 2754 dwar il-ħatra ta' żewġ koordinaturi Ewropej għal ċerti proġetti tan-netwerk trans-Ewropew għat-trasport

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

Sabiex jinħatru koordinaturi Ewropej għal ċerti proġetti tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport

Fl-20 ta' Lulju 2005, il-Kummissjoni adottat Deċiżjoni¹ dwar il-ħatra ta' l-ewwel sensiela ta' sitt koordinaturi Ewropej sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni ta' ċerti proġetti koordinati bejn l-Istati Membri.

Dan il-mekkaniżmu ħareġ bħala partikolarment siewi għal proġetti kbar li jinvolvu bosta frontieri u fejn ċerti sezzjonijiet iħabbtu wiċċhom ma' diffikultajiet politiċi sew fil-fażi tat-tnissil (diverġenzi dwar ir-rotot jew il-kalendarju tax-xogħol), il-finanzjament (it-tqassim tal-finanzjament bejn l-Istati Membri kkonċernati) u l-kostruzzjoni (proċeduri amministrattivi).

Ġeneralment, ir-riżultati miksuba mill-ewwel sitt koordinaturi kienu inkoraġġanti ħafna. Il-preżenza ta' koordinatur Ewropew – li sar personalità ta' referenza – kellha impatt pożittiv fuq it-tisħiħ tad-djalogu bejn il-partijiet differenti jew l-Istati Membri kkonċernati minn dawn l-assi. Il-preżenza ta' koordinatur barra minn hekk iffavoriet l-iżvilupp ta' approċċ "kuritur" li ma kienx jeżisti qabel u jippermetti li jinftiehem aħjar l-interazzjonijiet bejn il-proġetti differenti li jikkostitwuh. Ir-riżultati li diġà nkisbu juru li l-azzjoni tal-koordinaturi kienet determinanti għall-konklużjoni ta' ċerti ftehimiet, u ppermettew l-uffiċjalizzazzjoni ta' l-impenji, kemm fuq livell politiku kif ukoll għat-twettiq ta' studji jew għall-għoti ta' bidu lill-attivitajiet. Bis-saħħa ta' din l-aħħar esperjenza, il-Kummissjoni trid issa taħtar żewġ koordinaturi ġodda, għall-passaġġi navigabbli u għall-awtostradi tal-baħar rispettivament. Il-ħatra tal-koordinaturi Ewropej għal dawn iż-żewġ proġetti hi meħtieġa sabiex tagħti spinta lil dawn is-setturi li juru potenzjal kbir – partikolarment fil-qafas ta' politika ta' trasport sostenibbli – iżda li fl-istess ħin iħabbtu wiċċhom ma' diffikultajiet sinifikanti ta' implimentazzjoni. Dawn il-proġetti, ta' skala Ewropea, jeħtieġu effettivament koordinazzjoni akbar mil-lat tekniku, amministrattiv u finanzjarju bejn il-partijiet kollha u l-preżenza ta' koordinatur Ewropew tista' tkun b'hekk determinanti għas-suċċess tagħhom.

¹ Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru C (2005) 2754 ta' l-20 ta' Lulju 2005, immodifikata – wara l-mewt ta' wieħed mill-koordinaturi Ewropej – mid-Deċiżjoni Nru C (2007) 3190 tal-5 ta' Lulju 2007

1. Il-proġetti kkonċernati

Dawn il-proġetti huma:

Proġetti	Sezzjonijiet tat-triq ikkonċernati identifikati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill (data stipulata għat-twettiq)
Proġett prijoritarju Nru 18	- Renu-Meuse, bix-xatba ta' Lannaye bħala sezzjoni transkonfinali (2019)
Passaġġ navigabbli "Renu/Meuse-Main-Danubju"	- Vilshofen-Straubing (2013)
	- Vjenna-Bratislava, sezzjoni transkonfinali (2015)
	- Palkovikovo-Mohács (2014)
	- Mgħalaq fir-Rumanija u l-Bulgarija (2011)
Proġett Prijoritarju Nru 30	- Titjib tan-navigabbiltà Deulemont-Gent (2012-2016)
"Kanal Seine Escaut"	- Compiègne-Cambrai (2012-2016)
Proġett prijoritarju Nru 21	- Awtostrada tal-baħar Baltiku
"Awtostradi tal-baħar"	- Awtostrada tal-baħar ta' l-Ewropa tal-Punent
	- Awtostrada tal-baħar ta' l-Ewropa tax-Xlokk
	- Awtostrada tal-baħar ta' l-Ewropa tal-Lbiċ

Id-Deċiżjoni tal-Parlament u l-Kunsill tipprovdi li l-missjoni tal-koordinatur is-soltu tikkonċerna proġett wieħed, iżda tista', jekk ikun meħtieġ, tiġi estiża għal assi jew sistema ta' trasport. Għall-proġetti msemija fuq, jidher partikolarment siewi li l-koordinatur ikun mitlub ikollu l-aktar viżjoni wiesgħa possibbli ta' din il-problematika. F'dan il-kuntest, se jkun essenzjali li l-koordinatur ta' l-"awtostradi tal-baħar" jiżgura l-koerenza bejn l-azzjonijiet appoġġati mill-programmi RTE-T u Marco Polo, filwaqt li l-koordinatur tal-"passaġġi navigabbli" se jsegwi l-implimentazzjoni tar-"River Information Services" dwar in-netwerk trans-Ewropew kollu kemm hu tal-passaġġi navigabbli, sabiex dan il-mod ta' trasport isir aktar kompetittiv u jrendi aktar.

2. Il-missjoni tal-koordinaturi

Il-missjoni ta' dawn iż-żewġ koordinaturi ġodda mhix limitata għal sezzjonijiet partikolari imma trid tikkontribwixxi għall-faċilitazzjoni tal-koordinazzjoni fuq is-sistema kollha kemm hi kkonċernata mill-proġetti msemija. Ta' min ifakkar li, skond l-Artikolu 17a tad-Deċiżjoni tad-29 ta' April 2004 tal-Parlament u tal-Kunsill

"Il-koordinatur Ewropew għandu:

jippromwovi l-metodi konġunti ma' l-Istati Membri interessati għall-valutazzjoni tal-proġetti u, meta approprijat, jagħti pariri lill-promoturi tal-proġetti dwar il-pakkett finanzjarju tal-proġetti;

ifassal rapport kull sena lill-Parlament Ewropew, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri interessati dwar il-progress miksub fl-implimentazzjoni tal-proġetti/i li minnu huwa/hija jkunu responsabbli u kull diffikultà u xkiel li jistgħu jirriżultaw f'dewmien sinifikanti frelazzjoni mad-dati indikati fl-Anness III;

jikkonsulta, flimkien ma' l-Istati Membri interessati, lill-awtoritajiet reġjonali u lokali, lill-operaturi, lill-utenti tat-trasport u lir-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili bil-ħsieb li jikseb għerf iktar sħiħ tad-domanda għas-servizzi tat-trasport, il-possibiltajiet tal-finanzjament ta' l-investment u t-tip ta' servizzi li jridu jiġu pprovduti għalbiex jiffaċilitaw l-aċċess għal dan il-finanzjament."

Il-lista sħiħa tal-kompiti mitluba mill-koordinaturi qiegħda fl-anness għad-deċiżjoni mressqa lill-Kulleġġ li jaħtar il-koordinaturi. Tinkludi, minbarra l-kompiti msemmija fuq iffissati mill-Parlament u l-Kunsill, dmirijiet importanti għat-tħejjija tas-sejħiet għall-proposti previsti mill-Kummissjoni fil-qafas ta' l-ipprogrammar finanzjarju 2007-2013. L-aspetti l-oħrajn ta' natura amministrattiva (dawk tal-kopertura ta' l-ispejjeż kurrenti kif ukoll l-assistenza teknika mogħtija lill-koordinaturi mill-Kummissjoni) tibqa' mhux mibdula fil-konfront tad-deċiżjoni li taħtar l-ewwel sitt koordinaturi. Fid-dawl tan-natura politika ta' l-attività tal-koordinaturi, l-assistenza tibqa' tingħata mid-DĠ TREN, anki wara li l-Aġenzija Eżekuttiva għan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport ma tkunx baqgħet operattiva.

Fid-dawl ta' l-esperjenza ġa miksuba bl-ewwel sitt koordinaturi Ewropej, fil-bidu tal-mandat, ix-xogħol tal-koordinatur Ewropew se jinvolvi bejn 3 sa 8 ijiem ta' ħidma fix-xahar. Huwa previst li dan l-ammont ta' xogħol jistabbilizza fi tmiem l-ewwel sena, għaliex jonqos skond l-implimentazzjoni ta' dawn il-proġetti.

3. Il-profil tal-koordinaturi

Skond il-proċedura provduta bid-Deċiżjoni tad-29 ta' April 2004 tal-Parlament u tal-Kunsill, il-koordinaturi Ewropej għandhom jinħatru wara li jiġi kkonsultat il-Parlament Ewropew, u bil-qbil ta' l-Istati Membri kkonċernati. Wara l-qbil tal-COREPER, il-Kummissjoni kkonsultat lill-Parlament b'ittra tal-25 ta' Ġunju 2007 mis-Sur Barrot, Viċi President tal-Kummissjoni .lis-Sur Pöttering, President tal-Parlament. Il-Kummissjoni għat-Trasport (TRAN) tal-Parlament tat opinjoni favorevoli, li għet ikkonfermata mill-Konferenza tal-Presidenti tal-Parlament, fil-[...] 2007.

L-Artikolu 17a(2) introdott permezz tad-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill hawn taħt imsemmija, jistipula li "l-Koordinatur Ewropew għandu jiġi magħżul, b'mod partikolari, fuq il-bażi ta' l-esperjenza tiegħu fl-istituzzjonijiet Ewropej u l-għerf dwar il-kwistjonijiet li għandhom x'xaqsmu mal-finanzjament u l-valutazzjoni soċjo-ekonomika u ambjentali tal-proġetti magħguri".

Jidher li fid-dawl tal-kariga li kellhom qabel bħala Ministri tat-Trasport u – f'dak li għandu x'jaqsam mal-koordinatur prospettiv għall-passaġġi navigabbli – li kien membru tal-Parlament Ewropew - dawn iż-żewġ personalitajiet jissodisfaw dawn il-kundizzjonijiet. Dwar din l-

għażla kien hemm qbil wiesa' ħafna bejn il-partijiet interessati, fid-dawl tal-kwalitajiet tekniċi u maniġerjali mill-aqwa tagħhom.

Għal din it-tieni sensiela ta' koordinaturi, huwa għalhekk propost li jinħatru l-personalitajiet li ġejiin:

- Is-Sur Luis Valente de Oliveira għall-awtostradi tal-baħar (proġett prijoritarju n°21, "Awstostradi tal-Baħar")
- Is-Sra. Karla Peijs għall-passaġġi navigabbli, li żewġ assi minnhom (Nru 18 "Renu/Meuse-Main-Danubju" u Nru 30 "Kanal Seine Escaut") jagħmlu parti minn proġetti prijoritarji.

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

C (2007) 4396 tas- 27 ta' Settembru 2007

li temenda d-Deċiżjoni Nru C (2005) 2754 dwar il-ħatra ta' żewġ koordinaturi Ewropej għal ċerti proġetti tan-netwerk trans-Ewropew għat-trasport

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 1692/96/KE tas-27 ta' Lulju 1996, fuq linji gwida tal-Komunità għall-iżvilupp tan-netwerk tat-trasport trans-Ewropew², u b'mod partikolari l-Artikolu 17a(1) tiegħu,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru C 2754(2005) ta' l-20 ta' Lulju 2005³,

Wara li kkunsidrat l-opinjoni tal-Parlament Ewropew,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni Nru 1692/96/KE, kif emendata bid-Deċiżjoni Nru 884/2004/KE, tidentifika proġetti ta' interess komuni maħsuba biex jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' dan in-netwerk u tiddikjara 30 proġett prijoritarju li huma ta' interess Ewropew, iddefiniti fl-Anness III tagħha, li fosthom jidhru l-proġetti li l-Kunsill Ewropew, f'Essen fl-1994 u wara f'Dublin fl-1996, tahom importanza partikolari.
- (2) Jeħtieġ li jiddaħħlu mekkaniżmi li jħeġġu l-koordinazzjoni bejn l-Istati Membri, u sabiex sew il-Kummissjoni sew l-Istati Membri kkonċernati jkunu jistgħu jsegwu aktar mill-qrib il-progress li jkun sar fuq il-proġetti u sabiex ikollhom idea aħjar tax-xogħol, iżda anki sabiex it-twettiq tal-proġetti jkun jista' jitwqettaq fiż-żmien stipulat bid-Deċiżjoni Nru 1692/96 għas-sezzjonijiet transkonfinali.
- (3) Koordinazzjoni aktar stretta bejn l-Istati Membri involuti fil-proġetti dwar l-istess assi, jew l-istess xatt marittimu, tista' ttejjeb ir-rendiment ta' l-investment, tiffaċilita s-sinkronizzazzjoni ta' l-investimenti u tiffaċilita l-mobilizzazzjoni ta' l-investituri.
- (4) Skond l-Artikolu 17a tad-Deċiżjoni Nru 1692/96/KE, il-Kummissjoni tista' taħtar Koordinaturi Ewropej sabiex tiffaċilita l-implimentazzjoni koordinata ta' ċerti proġetti, b'mod partikolari proġetti transkonfinali jew partijiet ta' proġetti, fost il-proġetti ta' interess Ewropew.

² ĠU L 228, 9.9.1996, p. 1. Id-Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni 884/2004/KE (ĠU L 167, 30.4.2004, p. 1).

³ Id-Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni C (2007) 3190.

- (5) Il-koordinaturi Ewropej għandhom jintgħażlu abbażi ta' l-esperjenza tagħhom fl-istituzzjonijiet Ewropej u l-għarfien tagħhom dwar kwistjonijiet marbuta mal-finanzjament ta' l-infrastrutturi u l-evalwazzjoni soċjoekonomika u ambjentali ta' proġetti kbar.
- (6) Il-koordinaturi Ewropej għandhom jaġixxu fisem u għan-nom tal-Kummissjoni, fil-qafas u fil-limiti tal-ħidma fdata lilhom.
- (7) Kriterji oġġettivi fir-rigward ta' dewmien osservat fuq xi sezzjonijiet kruċjali transkonfinali, in-nuqqas ta' ftehim sod fuq il-kalendarju tax-xogħol bejn l-Istati Membri kkonċernati, id-dgħjufija tal-finanzjamenti maħsuba għal dawn is-sezzjonijiet kruċjali, id-diffikultà li jiġu stabbiliti ktajjen loġistiċi li jintegraw modi differenti, il-persistenza ta' ostakli ta' natura regolamentari u anki amministrattiva, kif ukoll il-ħtieġa li jinġiebu flimkien firxa kbira ta' partijiet involuti bħall-industrija, il-professjonisti tas-settur kif ukoll ir-reġjuni jimmotiva l-għażla ta' sensiela oħra ta' proġetti li għalihom iridu jinħatru koordinaturi Ewropej.
- (8) Id-deċizzjoni tal-Kummissjoni li taħtar il-Koordinatur Ewropew tispjega l-modalitajiet ta' l-eżekuzzjoni tal-kompiti tiegħu.
- (9) L-Istati Membri kkonċernati taw il-kunsens tagħhom.

TIDDEĊIEDI:

Artikolu 1

Is-Sra. Karla Peijs qed tinħatar Koordinatur Ewropew għall-passaġġi navigabbli, li żewġ assi minnhom (Nru 18 "Renu/Meuse-Main-Danubju" u Nru 30 "Kanal Seine Escaut") jagħmlu parti minn proġetti prijoritarji.

Artikolu 2

Is-Sur. Luis Valente de Oliveira qed jinħatar Koordinatur Ewropew għall-assi prijoritarju Nru 21, "Awstrotradi tal-Baħar")

Artikolu 3

L-Annessi I u II mehmuża ma' din id-Deċiżjoni għandhom jissostitwixxu d-Deċiżjoni Nru C (2005) 2754, kif emendata bid-Deċiżjoni Nru C (2007) 3190.

Magħmul fi Brussel fis-27 ta' Settembru 2007.

Għall-Kummissjoni
Jacques BARROT
Membru tal-Kummissjoni

ANNEX I

ISEM	PROĠETT	
Is-Sur Karel Van Miert	Proġett prijoritarju Nru 1 "Assi ferrovjarja Berlin-Verona/Milan-Bolonja-Napli-Messina-Palermo"	Halle/Leipzig-Nuremberg (2015) - Nuremberg-Munich (2006) - Munich-Kufstein (2015) - Kufstein-Innsbruck (2009) - Mina tal-Brenneru (2015), sezzjoni transkonfinali - Verona-Napli (2007) - Milan-Bolonja (2006) - Pont ferrovjarju/triq fuq il-fliegu ta' Messina-Palermo (2015)
Is-Sur Etienne Davignon	Proġett Prijoritarju Nru 3 "Assi ferrovjarja ta' veloċità kbira tal-Grigal ta' l-Ewropa"	- Liżbona /Porto-Madrid (2011) - Madrid-Barcellona (2005) - Barcellona-Figueras-Perpignan (2008) - Perpignan-Montpellier (2015) - Montpellier-Nîmes (2010) - Madrid-Vitoria-Irun/Hendaye (2010) - Irun/Hendaye-Dax, sezzjoni transkonfinali (2010) - Dax-Bordeaux (2020) - Bordeaux-Tours (2015)
Is-Sur M. Laurens Jan Brinkhorst	Proġett Prijoritarju Nru 6 "Assi ferrovjarja Lyon-Trieste-Divača/Koper-Divača-Ljubljana-Budapest-fruntiera Ukraina"	- Lyon-St Jean de Maurienne (2015) - Mina ta' Mont-Cenis (2015-2017) - Bussoleno-Turin (2011) - Turin-Venezja (2010) - Venezja-Ronchi sud -Trieste-Divača (2015)

			<ul style="list-style-type: none"> - Koper-Divaca-Ljubljana (2015) - Ljubljana-Budapest (2015)
Is-Sur Balázs	Péter	<p>Proġett prijoritarju Nru 17</p> <p>"Assi ferrovjarja Pariġi-Strasburgu-Stuttgart-Vjenna-Bratislava »</p>	<p>Baudrecourt-Strasburgu-Stuttgart (2015), inkluż il-pont ta' Kehl</p> <ul style="list-style-type: none"> - Stuttgart-Ulm (2012) - Munich-Salzburg (2015) - Salzburg-Vjenna (2012) - Vjenna-Bratislava (2010)
Is-Sra.Karla Pejjs		<p>Proġett Prijoritarju Nru 18</p> <p>Passaġġ navigabbli "Renu/Meuse-Main-Danubju"</p>	<ul style="list-style-type: none"> - Renu-Meuse, bix-xatba ta' Lannaye bħala sezzjoni transkonfinali (2019) - Vilshofen-Straubing (2013) - Vjenna-Bratislava, sezzjoni transkonfinali (2015) - Palkovikovo-Mohács (2014) - Mgħalaq fir-Rumanija u l-Bulgarija (2011)
Is-Sra.Karla pejjs		<p>Proġett prijoritarju Nru 30</p> <p>"Kanal Seine Escaut"</p>	<ul style="list-style-type: none"> - Titjib tan-navigabbiltà Deulemont-Gent (2012-2016) - Compiègne-Cambrai (2012-2016)
Is-Sur Valente Oliveira	Luis de	<p>Proġett prijoritarju Nru 21</p> <p>"Awtostradi tal-baħar"</p>	<ul style="list-style-type: none"> - Awtostrada tal-baħar Baltiku - Awtostrada tal-baħar ta' l-Ewropa tal-Punent - Awtostrada tal-baħar ta' l-Ewropa tax-Xlokk - Awtostrada tal-baħar ta' l-Ewropa tal-Lbiç

Is-Sur Pavel Telicka	Proġett prijoritarju Nru 27 "Assi ferrovjarja "Rail Baltica" Varsavja - Kaunas - Riga – Tallinn –Helsinki”	- Varsavja-Kaunas (2010) - Kaunas-Riga (2014) - Riga-Tallinn (2016)
M. Is-Sur Karel Vinck	Koordinatur tal kurituri ferrovjarji u ta' I-ERTMS	

ANNEX II

Ittra ta' Missjoni

Mudell ta' l-ittra ta' missjoni tas-Sra. Karla Peijs, koordinatur Ewropew għall-proġetti prijoritarji Nru 18 u 30 ta' l-Anness III tad-Deċiżjoni Nru 1692/96/KE, kif emendata bid-Deċiżjoni Nru 884/2004/KE.

[post], [data]

[isem il-koordinatur Ewropew]

[funzjoni]

[indirizz sħiħ]

[...numru tar-reġistrazzjoni ta' l-ittra...]

Suġġett: [Missjoni bħala koordinatur Ewropew għall-assi prijoritarju Nru...]

Onorevoli Ministru,

Abbażi tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru C(2007) xxxx, il-Kummissjoni hatritek Koordinatur Ewropew għall-passaġġi navigabbli li żewġ assi minnhom (Nru 18 "Renu/Meuse-Main-Danubju" u Nru 30 "Kanal Seine Escaut") jagħmlu parti minn proġetti prijoritarji. Din il-ħatra qed issir skond l-Artikolu 17a tad-Deċiżjoni Nru 1692/96/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 1996 fuq linji gwida tal-Komunità għall-iżvilupp tan-network tat-trasport trans-Ewropew⁴, kif emendata bid-Deċiżjoni 884/2002/KE.

Il-proġetti kkonċernati għandhom importanza partikolari fil-qafas tal-politika komuni tat-trasport irrakkomandata mill-Kummissjoni u li għandha l-għan li tassigura kompetittività ekonomika akbar ta' l-Unjoni filwaqt li fl-istess ħin jitkabbar il-ħarsien ambjentali.

L-implimentazzjoni ta' dawn il-proġetti madankollu tħabbat wiċċha ma' għadd ta' diffikultajiet ta' natura diversa, mill-finanzjament sar-regoli amministratiivi, kif ukoll l-ambjent. Dawn id-diffikultajiet għandhom il-konsegwenza li jżommu lura t-twettiq ta' dawn il-proġetti u jxekklu wkoll użu akbar tat-trasport fuq passaġġi navigabbli. Dan it-tp ta' trasport għandu jitqies għal alternattiva għat-trasport bit-trakk, u jippermetti b'hekk li ċerti toroq fgati bit-traffiku jibdeu jinħelsu mill-konġestjoni. t-tfassil ta' dawn l-alternattivi se tkun teħtieġ madankollu l-użu tal-ħoloq kollha fil-katina tat-trasport. Il-missjoni tiegħek sejra għalhekk tkun importati biex lis-servizzi tal-Kummissjoni tgħinhom jipromwovu dawn il-proġetti, tidentifika n-nuqqasijiet l-aktar f'termini ta' infrastruttura kif ukoll fi-rigward ta' l-ostakli regolamentari, tekniċi u amministrattivi, u tidderieġi l-interventi finanzjarji –fil-qafas tal-baġit Komunitarji – biex ikollhom l-akbar effett possibbli.

Il-perjodu ta' ħidma tiegħek bħala koordinatur Ewropew ser ikun ta' erba' snin li jistgħu jiġġeddu bi qbil komuni.

⁴ ĠU L 201, 07.06.2004.

Il-kompiti tiegħek, li joħorġu minn dawk definiti mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill, jinkludu prinċipalment:

- l-identifikazzjoni ta' l-ostakli għall-iżvilupp tal-proġetti prijoritarji Nru 18 (Renu/Meuse-Main Danubju) u Nru 30 (Kanal Seine Escaut) u proposti għal soluzzjonijiet partikolarment għall-finanzi li jistgħu jippermettu bidu mill-aktar fis għal dawn il-proġetti.

- il-promozzjoni ta' netwerk bil-għan li jintużaw aktar u aħjar il-passaġġi navigabbli fuq livell Komunitarju. Dan l-approċċ għandu jkoll il-esiġenzi ambjentali. Għandu jkoll ukoll il-ħtieġa tal-koordinazzjoni tal-modi ta' trasport differenti, l-integrazzjoni tat-trasport fuq ix-xmajjar fil-katina loġistika intermodali, kif ukoll l-implimentazzjoni ta' titjib komuni tar-rendiment ta' dan il-mod ta' trasport, inkluż fir-rigward tas-servizzi ta' informazzjoni tax-xmajjar (RIS "River Information Services"). L-ostakli għall-iżvilupp tan-netwerk, humiex ta' natura amministrattiva, regolamentari jew ambjentali, għandhom ukoll jiġu identifikati jkollhom soluzzjonijiet proposti għalihom;

- it-tħejjija, kull sena, ta' rapport lill-Kummissjoni, biex jintbagħat lill-Parlament Ewropew u lill-Istati Membri kkonċernati, dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-proġett, dwar l-iżviluppi l-ġodda, regolatorji, tekniċi, amministrattivi jew xort'oħra, li jistgħu jaffettwaw l-implimentazzjoni tal-proġetti tal-passaġġi navigabbli, kif ukoll dwar id-diffikultajiet u l-ostakoli li jistgħu jinqalgħu u li jistgħu jikkawżaw dewmien sinifikanti. Dan ir-rapport għandu jinkludi wkoll l-evalwazzjoni tal-ħtiġijiet finanzjarji u l-armonizzazzjoni tal-miżuri regolamentari sabiex jiġu assigurati l-implimentazzjoni u t-tħaddim ottimali ta' dawn il-passaġġi navigabbli.

Minbarra dawn il-ħidmiet, il-Kummissjoni tixtieq l-għajnuna tiegħek fil-qafas tas-sejthiet għall-proposti fid-dawl ta' appoġġ Komunitarju skond il-baġit tan-netwerks trans-Ewropej li sejrjn jitniedu waqt il-perjodu 2007-2013 ta' l-estimi finanzjarji. Għal dan il-għan, tistenna minnek, b'mod partikolari:

- li tippreżenta lill-Kummissjoni rapport intermedju għall-użu uniku tal-Kummissjoni sal-31 ta' Marzu 2008. Dan ir-rapport għandu jindika l-progress, l-affidabbiltà tal-previżjonijiet ta' l-iskeda tan-nefqa, l-impenn ta' l-Istati kkonċernati u l-kundizzjonijiet li jridu jiġu stipulati sabiex jiġi ggarantit valur miżjud massimu ta' l-għajnuna Komunitarja.

- li tgħarrafha dwar id-diffikultajiet eventwali li tiltaqa' magħhom l-implimentazzjoni tal-proġetti tal-passaġġi navigabbli, partikolarment f'dak li għandu x'jaqsam mal-proġetti prijoritarji Nru 18 u 30, iżda wkoll f'termini ta' l-integrazzjoni tal-passaġġi navigabbli u l-konnessjonijiet bejn il-portijiet u l-infrastrutturi l-oħra tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport.

Fil-qadi tal-missjoni tiegħek, ma tistax iddaħħal lill-Kummissjoni f'impenji mingħajr il-kunsens tagħha minn qabel bil-miktub. Għaldaqstant, għandek tagħxi b'imparzjalità, indipendenza u b'kunfidenzjalità u għandek tuża bl-aħjar mod l-għarfien u l-kompetenzi professjonali tiegħek biss fl-interess tal-Komunitajiet.

Għandek tevita kull sitwazzjoni li tista' toħloq kunflitt ta' interess fl-oqsma li fihom inti mistiedna tintervjeni. Kull kunflitt ta' interess li jirriżulta mill-mandat tiegħek għandu jiġi kkomunikat lili mingħajr dewmien.

Barra minn hekk, inti marbuta li ma tuża jew tikxef l-ebda dokument jew informazzjoni li tagħhom jista' jkollok għarfien mill-funzjonijiet tiegħek, sakemm din l-informazzjoni ma tkunx diġà ħarġet fil-pubbliku. Ir-riżultati kollha li tikseb ikunu propjetà tal-Kummissjoni Ewropea, li tista' tużahom jew tippublikhom jekk tqis li huma meħtieġa.

Fl-eżerċizzju tal-ħidma tiegħek, li hija bla ħlas, tingħata onorarju fiss ta' EUR 1 500 fix-xahar biex tkopri l-ispejjeż kurrenti, u tirċievi wkoll rifużjoni ta' l-ispejjeż relatati mal-missjoni tiegħek, skond ir-regoli fis-seħħ fi ħdan il-Kummissjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tippovdilek appoġġ tekniku u amministrattiv.

Id-Direttur tan-netwerks trans-Ewropej, li huwa responsabbli għat-taqsimha tal-Koordinaturi Ewropej u li se jipprovdi l-assistenza kollha meħtieġa għat-twettiq ta' ħidmietek, huwa l-persuna ta' kuntatt fid-Direttorat Ġenerali ta' l-Enerġija u t-Trasport. Id-Direttur "Loġistika, innovazzjoni, komodalità u trasport marittimu" huwa responabbli għall-implimentazzjoni tal-politika dwar in-navigazzjoni interna. Il-Kummissjoni tista' tassiguralek bil-quddiem l-appoġġ sħiħ tagħha fil-qadi tal-missjoni tiegħek, kif ukoll dak tal-kollaboratur li ser jinħatar biex jassistik fil-ħtiġijiet ta' kuljum fuq livell tekniku u amministrattiv.

Il-Kummissjoni hija konvinta mill-appoġġ tiegħek, li tqisu bħala element kruċjali għas-suċċess tan-netwerks trans-Ewropej.

Id-Direttorat Ġenerali tat-Trasport u ta' l-Enerġija ser torganizza laqgħat regolarmet bejn il-koordinaturi Ewropej biex tippermetti l-iskambju ta' informazzjoni u ta' esperjenzi.

Il-qrati Belġjani għandu jkollhom il-ġurisdizzjoni unika li jiddeċiedu dwar il-validità, l-applikazzjoni u l-interpretazzjoni ta' dan il-kuntratt. Barra minn hekk, dan il-kuntratt huwa rregolat bil-liġi Belġjana.

Dejjem tiegħek

Ittra ta' Missjoni

Mudell ta' l-ittra ta' missjoni tas-Sur Luis Valente de Oliveira, koordinatur Ewropew għall-proġetti prijoritarji Nru 21 u 30 ta' l-Anness III għad-Deċiżjoni Nru 1692/96/KE, kif emendata bid-Deċiżjoni Nru 884/2004/KE.

[post], [data]

[isem il-koordinatur Ewropew]

[funzjoni]

[indirizz sħiħ]

[...numru tar-reġistrazzjoni ta' l-ittra...]

Onorevoli Ministru,

Abbażi tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru C(2007) xxxx, il-Kummissjoni hatritek Koordinatur Ewropew għall-proġetti ta' l-"awtostradi tal-baħar". Din il-ħatra qed issir skond l-Artikolu 17a tad-Deċiżjoni Nru 1692/96/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 1996 fuq linji gwida tal-Komunità għall-iżvilupp tan-network tat-trasport trans-Ewropew⁵, kif emendata bid-Deċiżjoni 884/2002/KE.

Il-proġett ikkonċernat, li għandu l-għan li jiżviluppa kunċett ġdid tat-trasport li jippermetti li parti xejn negliġibbli tat-traffiku fuq l-art jiġi ttrasferit fuq il-baħar, u fl-istess waqt li tissaħħaħ il-koeżjoni tat-territorju Ewropew, għandu importanza partikolari fil-qafas tal-politika komuni tat-trasport irrakkomandata mill-Kummissjoni u li għandha l-għan li tassigura kompetittività ekonomika akbar ta' l-Unjoni filwaqt li fl-istess ħin jitkabbar il-ħarsien ambjentali.

L-implimentazzjoni ta' dan il-proġett madankollu tħabbat wiċċha ma' għadd ta' diffikultajiet ta' koordinazzjoni bejn, minn naħa, l-Istati Membri u, mill-oħra, l-industrija tat-trasport marittimu. Dawn id-diffikultajiet għandhom il-konsegwenza li jdewmu l-implimentazzjoni ta' strateġija koerenti, fuq livell Ewropew, marbuta ma' dan il-kunċett innovattiv. Dan ta' l-aħħar jippermetti konnessjonijiet tat-trasport li – għall-itwal traġitti – jużaw vjaġġ fuq l-ilma; dawn il-konnessjonijiet iridu jiġu kompluti bis-saħħa ta' katina loġistika 'bieb bieb'. L-implimentazzjoni ta' l-awtostradi tal-baħar għandha wkoll tippermetti li tiġi assorbita parti miż-żieda tat-traffiku fit-triq, tittejjeb l-aċċessibbiltà tar-reġjuni periferiċi u teħles it-toroq li huma kważi fgati mit-traffiku. It-tfassil ta' dawn l-alternattivi se jeħtieġ madankollu l-użu tal-ħoloq kollha fil-katina tat-trasport. Il-missjoni tiegħek sejra għalhekk tkun importanti biex lis-servizzi tal-Kummissjoni tgħinhom jippromwovu dan il-kunċett ġdid, tidentifika l-ostkali għall-iżvilupp tiegħu u tidderieġi bl-aħjar mod l-interventi finanzjarji – fil-qafas tal-baġit Komunitarju – biex ikollhom l-akbar effett possibbli. F'dan il-kuntest, se jkun essenzjali li tiġi assigurata l-koerenza bejn l-azzjonijiet appoġġati mill-programmi RTE-T u Marco Polo.

Il-perjodu ta' ħidma tiegħek bħala koordinatur Ewropew ser ikun ta' erba' snin li jistgħu jiġġeddu bi qbil komuni.

⁵ ĠU L 201,07.06.2004.

Il-kompiti tiegħek li joħorġu minn dawk definiti mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill, jinkludu prinċipalment:

- il-kontribuzzjoni għall-iżvilupp ta' strateġija koerenti ta' implimentazzjoni ta' awtostradi tal-baħar fuq skala Ewropea, partikolarment l-identifikazzjoni tal-koordinazzjoni meħtieġa bejn il-modi ta' trasport differenti u r-riskji li jistgħu jaffettwaw l-implimentazzjoni tagħha;

- is-segwitu tal-gruppi ta' ħdima (Task Forces) li twaqqfu għal ħames reġjuni marittimi (il-Baħar Baltiku, il-Baħar tat-Tramuntana, l-Atlantiku, il-Mediterran tal-Punent u l-Mediterran tal-Lvant) u s-superviżjoni tal-pjanijiet ewlenin jew ta' l-istudji ta' thejġija li sejrini jew qegħdin jitħaddmu bil-għan li tiġi assigurata l-koerenza tagħhom. Dawn il-ħidmiet kollha għandhom jippermettu d-definizzjoni ta' ġenisi ta' netwerk Ewropew ta' awtostradi tal-baħar sa l-2009 u jorbtu ma' l-implimentazzjoni tagħhom.

- it-thejġija, kull sena, ta' rapport lill-Kummissjoni, biex jintbagħat lill-Parlament Ewropew u lill-Istati Membri kkonċernati, dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-proġett, dwar l-iżviluppi l-ġodda, regolatorji, tekniċi, amministrattivi jew xort'oħra, li jistgħu jaffettwaw l-implimentazzjoni ta' l-awtostradi tal-baħar differenti, kif ukoll dwar id-diffikultajiet u l-ostakoli li jistgħu jinqalgħu u li jistgħu jikkawżaw dewmien sinifikanti. Dan ir-rapport għandu jinkludi wkoll l-evalwazzjoni tal-ħtiġijiet finanzjarji u l-armonizzazzjoni tal-miżuri regolamentari sabiex jiġu assigurati l-implimentazzjoni u t-tħaddim ottimali ta' l-awtostradi tal-baħar.

- il-konsultazzjoni regolari ma' l-atturi kkonċernati, partikolarment l-atturi privati, sabiex jiġu ddefiniti sew l-elementi fir-rigward ta' l-iżvilupp tal-kurituri ta' l-awtostradi tal-baħar, il-possibilitajiet ta' finanzjament ta' l-investimenti pubbliċi u privati meqjusa neċessarji, il-modalitajiet ta' l-aċċess għal dawn il-finanzjamenti u l-ostakli għall-ħolqien ta' sħubijiet pubbliċi-privati.

Minbarra dawn il-ħidmiet, il-Kummissjoni tixtieq l-għajnuna tiegħek fil-qafas tas-sejthiet għall-proposti fid-dawl ta' appoġġ Komunitarju skond il-baġit tan-netwerks trans-Ewropej u tal-Marco Polo li sejrini jitniedu waqt il-perjodu 2007-2013 ta' l-estimi finanzjarji

Għal dan il-għan, il-Kummissjoni tistenna minnek, b'mod partikolari:

li tippreżenta lill-Kummissjoni rapport intermedju għall-użu uniku tal-Kummissjoni sal-31 ta' Marzu 2008. Dan ir-rapport għandu jindika l-progress, l-affidabbiltà tal-previżjonijiet tal-kalendarju tan-nefqa, l-impen ta' l-Istati kkonċernati u l-kundizzjonijiet li jridu jiġu stipulati sabiex jiġi ggarantit valur miżjud massimu ta' l-għajnuna Komunitarja.

- li tgħarrafa dwar id-diffikultajiet eventwali li jqumu waqt l-implimentazzjoni ta' l-awtostradi tal-baħar, partikolarment f'dak li għandu x'jaqsam mal-bidu tas-servizzi, iżda wkoll f'termini ta' konnessjonijiet bejn il-portijiet u l-infrastrutturi l-oħra tan-netwerk trans-Ewropew ta' trasport.

Fil-qadi tal-missjoni tiegħek, ma tistax iddaħħal lill-Kummissjoni f'impenji mingħajr il-kunsens tagħha minn qabel bil-miktub. Għaldaqstant, għandek taġixxi b'imparzjalità, indipendenza u b'kunfidenzjalità u għandek tuża bl-aħjar mod l-għarfien u l-kompetenzi professjonali tiegħek biss fl-aħjar interess tal-Komunitajiet.

Għandek tevita kull sitwazzjoni li tista' toħloq kunflitt ta' interess fl-oqsma li fihom inti mistieden tintervjeni. Kull kunflitt ta' interess li jirriżulta mill-mandat tiegħek għandu jiġi kkomunikat lili mingħajr dewmien.

Barra minn hekk, inti marbut li ma tuża jew tikxef l-ebda dokument jew informazzjoni li tagħhom jista' jkollok għarfien mill-funzjonijiet tiegħek, sakemm din l-informazzjoni ma tkunx diġà ħarġet fil-pubbliku. Ir-riżultati kollha li tikseb ikunu propjetà tal-Kummissjoni Ewropea, li tista' tużahom jew tippublikhom jekk tqis li huma meħtieġa.

Fl-eżerċizzju tal-ħidma tiegħek, li hija bla ħlas, tingħata onorarju fiss ta' EUR 1 500 fix-xahar biex tkopri l-ispejjeż kurrenti, u triċievi wkoll rifużjoni ta' l-ispejjeż relatati mal-missjoni tiegħek, skond ir-regoli fis-seħħ fi ħdan il-Kummissjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tippovdilek appoġġ tekniku u amministrattiv.

Id-Direttur tan-netwerks trans-Ewropej, li huwa responsabbli għat-taqsimha tal-Koordinaturi Ewropej u li se jipprovdi l-assistenza kollha meħtieġa għat-twettiq ta' ħidmietek huwa l-persuna ta' kuntatt fid-Direttorat Ġenerali ta' l-Enerġija u t-Trasport Id-Direttur "Loġistika, innovazzjoni, komodalità u trasport marittimu", li huwa responabbli għal dak li għandu x'jaqsam ma' l-iżvilupp ta' l-awtostradi tal-baħar, se jkun qed jaħdem miegħek mill-qrib. Il-Kummissjoni tista' tassiguralek bil-quddiem l-appoġġ sħiħ tagħha fil-qadi tal-missjoni tiegħek, kif ukoll dak tal-kollaboratur li ser jinħatar biex jassistik fil-ħtiġijiet ta' kuljum fuq livell tekniku u amministrattiv.

Il-Kummissjoni hija konvinta mill-appoġġ tiegħek li tqis bħala element kruċjali għas-suċċess tan-netwerks trans-Ewropej.

Id-Direttorat Ġenerali tat-Trasport u ta' l-Enerġija ser torganizza laqgħat regolament bejn il-kordinaturi Ewropej biex tippermetti l-iskambju ta' informazzjoni u ta' esperjenzi.

Il-qradi Belġjani għandu jkollhom il-ġurisdizzjoni unika li jiddeċiedu dwar il-validità, l-applikazzjoni u l-interpretazzjoni ta' dan il-kuntratt. Barra minn hekk, dan il-kuntratt huwa rregolat bil-liġi Belġjana.

Dejjem tiegħek.